# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 453/2015**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Guillaumier**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 577948(M)

Illum, 14 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Anthony Guillaumier quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli minn Awissu, 2013 sal-15 ta’ April, 2015 naqas li jaghti lil Elfrida Guillaumier, is-somma ta’ 200 euro kull erbgha gimghat, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulat fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Ottubru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu sitt xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Guillaumier ipprezentat fil-15 ta' Ottubru, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata nkwantu l-appellant instab ħati talli ma ssoministrax manteniment minn Awissu, 2013 sal-15 ta' April, 2015 u tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' dik l-imputazzjoni kif dedotta u minnha tilliberah.

Fin-nuqqas, u fil-kaz li jigi respint l-ewwel aggravja tal-appellant, tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati talli ma ssoministrax manteniment ghax-xhur bejn Awissu, 2013 sal-15 ta' April, 2015 u tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliġġi piena iktar idonea u inqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. L-ewwel Aggravju – L-appellant jikkontendi li l-akkuza kif dedotta ma setghetx tinstab piena ta' htija fuqha u dana peress illi fiha zball integrali fis-sens illi l-akkuza taqra li l-appellant kellhu jghaddi manteniment 'ghal uliedek' meta fil-fatt il-manteniment kien ghal martu peress li Elfrieda Guillaumier hija martu u mhux bintu.

Illi permezz ta'  rikors datat 24 ta' Gunju, 2013 il-parte civile li tigi Elfrieda Guillaumier, mart l-appellant, kienet intavolat rikors fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' liema hija talbet manteniment ghaliha.

Illi dan ir-rikors bhala stat ta' fatt ma twegibx mill-esponenti kif fil-fatt jirrizulta mill-eventwali digriet li taghat l-ewwel Qorti nhar it-8 ta' Awissu, 2013, fejn iddegretat:

'Rat illi l-kontroparti notifikat ma wegbitx.

Tordna li l-intimat ihallas lir-rikorrenti bhala manteniment ghaliha l-ammont ta' €200 kull erba gimghat.'

Illi dan ir-rikors qatt ma kien gie notifikat lill-appellant u fil-fatt kienet is-seftura tal-partijiet certa Carmen Verzin u hi qatt ma ghaddiet dan ir-rikors lill-appellant, b'konsegwenza ta' liema azzjoni l-esponenti gie kontumaci ghal tali rikors u qatt ma ressaq ir-risposta tieghu.

Illi sussegwentement l-appellant ircievi t-tahrika tramite l-procedura tal-progett pilota li qieghda tigi ezercitata fl-Awla tal-Magistrat A.J.Vella, liema akkuza kienet taqra hekk: '*Inqast li taghti lil Elfrida Guillaumier, is-somma ta' 200 euro kull erbgha gimghat, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulat fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.'*

Illi l-manteniment ordnat skont dan id-digriet kien ghall-mart l-esponenti u <u>mhux ghall-ulied</u> il-partijiet bhalma tghid l-akkuza.

Illi fil-fatt l-ulied tal-partijiet mhux magorenni u wiehed ighix l-Awstralja u t-tnejn li huma diga mizzewgin u ghandhom ulied huma stess.

Illi ghalhekk l-aggravju tal-appellant huwa car u manifest fis-sens illi l-akkuza kif dedotta ma setghetx tinstab htija fuqha u dana peress li hemm zball intrinsiku fil-mod kif din inharget, fis-sens illi l-appellant gie akkuzat li naqas li jhallas manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax il-jum (ommissis) meta l-manteniment ma kienx dovut lejn l-ulied izda lejn martu Elfrieda Guillaumier.

Illi huwa principju u massima tal-proceduri kriminali kollha li zball fl-akkuza ma jistax iwassal ghall-piena ta' htija, u dan gie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrana, u anki ricentement fis-sentenza deciza minn din l-Onorabbli Qorti fil-kaz 'Il-Pulzija vs. Andre Falzon' u kif ukoll 'Il-Pulizija vs. Ommissis u Francesco sive Godwin Scerri' seduta tat-18 ta' April, 2012 Appell Kriminali Numru. 355/2011.

Ghaldaqstant in vista tal-gurisprudenza nostrana u ta' dan li dejjem rriteniet din l-Onorabbli Qorti li l-esponenti jikkontendi li din l-Onorabbli Qorti ghandha tillibera lil-appellant minn kull htija.

2. It-tieni aggravju - l-appellant jikkontendi li l-piena nflitta fuqu hija waħda esaġerata tenut kont il-fatt li l-appellant ma riedx li jaħrab mill-obbligi tiegħu imma kienet biss kwistjoni li sa dakinhar tas-sentenza appellata kien għadu mhuwiex f'posizzjoni li jħallas il-manteniment imsemmi tenut kont li kien ghad hemm rikors pendenti quddiem il-Qorti civili dwar il-kwistjoni ta' jekk hu ghandux ihallas manteniment jew le minhabba d-difett fin-notifika fir-rigward tar-rikors li jikkontjeni tali talba.

Illi fis-sentenza deċiża mill-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Publius Said' deċiż fid-9 ta' Lulju, 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

'l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skruplozament.'

Illi fis-sentenza deċiza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi' deċiza fis-26 ta' Settembru, 2011, deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Prim' Imħallef David Scicluna) ġie deċiz li in vista ta' dak deċiz fis-sentenza 'Il-Pulizija vs. Publius Said', *'konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena'* u dik il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunrija, u minflok kkundannatu għall-ħlas ta' *ammenda* ta' tmienja u ħamsin ewro u tlieta u għoxrin ċentezmu (€58.23), liema somma tiġi kkonvertita f'ħamest ijiem detenzjoni jekk ma titħallasx minnufiħ.'

Illi anki fis-sentenza deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Mario Gafa', deċiz fl-1 ta' Novembru, 2010 (Appell Kriminali Numru 259/2010) fejn l-imputat kien akkuzat talli ma ħallasx il-manteniment għax-xhur ta' Awissu 2009, Settembru 2009, Ottubru 2009 u Novembru 2009, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar priġunerija sospizi għal sena

ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnatu sabiex iħallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbgħin euro (€2,048).

Illi nonostante dan, dwar din il-piena msemmija f'din is-sentenza ċitata, l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriformat s-sentenza appellata, irrevokata in kwantu kkundannat lill-imputat Mario Gafa xahar priġunerija sospizi għal sena ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat li jħallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbgħin euro (€2,048) fi zmien tliet (3) xhur ai termini ta' l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok a tenur ta' l-artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta, twiddbu biex ma jerġax u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.'

Illi fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Joseph Brincat' deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju, 2013, l-imputat kien akkuzat talli ma' ħallasx manteniment għax-xhur ta' Ġunju, 2011 u Lulju, 2011, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar priġunerija sospiz għal sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat lill-imputat sabiex iħallas is-somma ta' erba mitt euro (€400) fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet laqgħet l-aggravju tal-appellant dwar il-piena u bidlet u irrevokat il-piena ta' '*xahar priġunerija sospiza għal sena u minflok qed tikkundannaħ iħallas ammenda ta' €58.'*

Għalhekk, tenut kont tal-verosimilta' tal-kaz tal-appellant għal dawk tas-sentenzi hawn fuq ċitati li l-appellant jikkontendi li hemm lok għal mitigazzjoni tal-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-14 ta' Settembru, 2016 l-appellant ezebixxa fotokopja (din il-Qorti rat l-original) tal-kuntratt ta' separazzjoni bejnu u bejn martu, datat 31 ta' Awwissu, 2016.

Illi fit-tielet klawsola ta' dan il-kuntratt mart l-appellant iddikjarat li ma ghandhiex interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu. Dwar il-piena, tilqa' l-appell ta' Anthony Guillaumier, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata ta' sitt xhur prigunerija u minflok tillibera lil Anthony Guillaumier taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.